DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR211237** **30.06.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***It-taqsima tal-pensjonanti tal-GWU tagħmel żjara ta' kortesija lill-Ispeaker***

"Għandna naraw li bniedem anzjan li jkun irtira mix-xogħol minħabba l-età pensjonabbli jibqa' jikkontribwixxi fis-soċjetà li qed ngħixu fiha. Xejn ma għandu jwaqqaf bniedem milli jkompli jagħti s-servizz li jista' lis-soċjetà, u għandna naraw li kulħadd jifhem li l-irwol tagħna l-pensjonanti ma jieqafx biss mal-irwol għal qalb kull wieħed u waħda minnha, dak ta' nanniet." Dan saħħqu l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia hekk kif irċieva żjara ta' kortesija mill-Membri tal-Għaqda Pensjonanti tal-GWU.

L-Ispeaker tenna li jagħraf l-importanza li ż-żgħażagħ tal-lum dejjem jgħarrfu l-importanza u jagħtu valur lill-esperjenza tal-anzjani li tkun inkisbet fuq medda ta' snin, għaliex b'hekk din l-istess esperjenza tissarraf f'ġid għas-soċjetà.

L-Ispeaker irringrazzja lill-membri preżenti tax-xogħol siewi li qed jagħmlu fl-interess tal-familji Maltin, partikolarment l-anzjani, anke biex jiġu indirizzati numru ta' sfidi li jiffaċċjaw, fosthom drittijiet konnessi ma' drittijiet ta' pensjoni. Fost il-materji li ġew diskussi, issemma l-bżonn li tingħata attenzjoni għas-solitudni li jgħaddu minnha numru kbir ta' anzjani fis-silenzju ta' darhom.

Ġiet imqajjma wkoll il-kwistjoni dwar il-privileġġ parlamentari u r-rimedju li għandu jkollu ċittadin biex iwieġeb għal dak li jkun ingħad dwar il-Parlament. Saret ukoll proposta sabiex l-Ispeaker jiġi mistieden biex jindirizza laqgħat edukattivi li jiġu organizzati mill-istess Taqsima tal-Pensjonanti tal-GWU u sabiex aktar 'il quddiem jiġu organizzati tours fil-binja tal-Parlament għall-membri tat-Taqsima. Saret ukoll proposta biex l-anzjani jingħataw l-opportunità li jsemmgħu leħinhom f'laqgħat li jsiru fil-plenarju tal-Kamra tad-Deputati taħt il-forma ta' Parlament tal-Anzjani.

It-Taqsima tal-Pensjonanti tal-GWU kienet rappreżentata mis-Sur Tony Zarb, is-Sur Lino Debono u s-Sur Joseph Sapiano. Bħala tifkira tal-okkażjoni, l-Ispeaker Anġlu Farrugia ppreżentalhom il-ħdax-il volum tal-pubblikazzjoni "Is-Sedja Titkellem", li fih ġabra ta' rulings li ngħataw minn Lulju 2020 sa Ġunju 2021.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**